# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Talba Nru: 516/2018 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**John Tanti [K.I. 66759M] u b'digriet ta' dan it-Tribuanl ta' nhar l-20 ta' Jannar 2022 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Helen Tanti [K.I. 0749754M]**

**vs**

**Jean Pierre Ciantar u Carmel Ciantar [K.I. 56766M]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-1 ta' Novembru 2018[1], permezz ta' liema l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' seba' mitt Ewro (€700) rappreżenatni xogħol magħmul fuq vettura tal-konvenuti mhux imħallsa rappreżentanti self brevi manu, kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-imgħax u l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kif ukoll ta' mandat ta' sekwestru u ta' ittra uffiċjali;

---

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta ta' Jean Pierre Ciantar[2], kontenenti kontro-talba fejn, permez tar-risposta eċċepixxa li l-ammont m'huwiex dovut għaliex ix-xogħol imwettaq ma sarx skond is-sengħa u l-arti. Fil-kontrotalba mbagħad jitlob li dan it-Tribunal jodrna lill-attur rikonvenzjonat iħallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) rappreżentati danni ikkaġunati fuq l-istess vettura. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, l-imgħax u dawk ta' ittra uffiċjali;

Ra r-risposta ta' Carmel Ciantar[3] fejn eċċepixxa li huwa m'huwiex il-leġittimu kuntradittur għaliex kien biss is-sid tal-vettura u qatt ma ngaġġa lill-attur sabiex jagħmel dawn ix-xogħlijiet;

Ra risposta tal-attur għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonat Jean Pierre Ciantar[4] fejn, b'ħafna kliem, ċaħad li huwa responsabbli għad-danni allegati;

Ra n-nota ta' Carmel Ciantar[5] fejn indika li l-leġittimu kuntradditur kien Jean Pierre Ciantar;

Ra x-xhieda ta' Jean Pierre Ciantar[6];

Ra r-relazzjoni tal-Perit Tekniku Natalino Agius[7], liema perit ġie maħtur minn dan it-Tribunal kif preċedentement presjedut[8];

Ra r-risposta tal-perit tekniku għall-mistoqsijiet tal-attur[9];

---

[2] A fol 11 tal-proċess.
[3] A fol 14 tal-proċess.
[4] A fol 20 tal-proċess.
[5] A fol 19 tal-proċess.
[6] Magħmula fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2019
[7] Relazzjoni tinsab a fol 56 tal-proċess.
[8] Ara verbal tat-22 ta' Marzu 2019.
[9] Risposti jinsabu a fol 71 tal-proċess.

Ra x-xhieda tal-istess perit tekniku għall-mistoqsijiet tal-konvenut;

Ra l-affidavit tal-attur[10];

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal kif preċedentement presjedut fejn ċaħad it-talba tal-konvenut Jean Pierre Ciantar sabiex jottjeni l-isfilz tar-relazzjoni peritali[11];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[12];

Ra li t-trasfuzzjoni tal-ġudizzju ġiet finalment konkluża permezz ta' digriet ta' dan it-Tribunal mogħti fl-20 ta' Jannar 2022[13];

Sema' x-xhieda in kontro-eżami tal-konvenut[14];

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet[15];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura

---

[10] Nota relattiva tinsab a fol 86 tal-proċess.
[11] Mogħti fit-18 ta' Frar 2020 u jbda a fol 95 tal-proċess.
[12] A fol 108 tal-proċess.
[13] Verbal relattiv jinsab a fol 132 tal-proċess.
[14] Magħmul waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2022.
[15] Liema trattazzjoni ġiet debitament traskritta kif ordnat u tibda a 167 tal-proċess.

f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex ix-xhieda ma ġietx kollha mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra. Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed il-konvenut Jean Pierre Ciantar (ftit jist'a dan it-Tribunal kif issa presedut jifhem għala jidher li saret l-inverżjoni tal-provi), in eżami (jew possibbilment in subizzjoni għaliex it-traskrizzjoni m'hijiex waħda ċara)[16], huwa jispjega li l-attur kellu jaqla' l-windscreen, jaqta' is-sadid u jirranġa daqqa fil-ġenb. Kellu wkoll jiżbogħ is-saqaf. Iż-żebgħa kellha ssir fuq hafna bnadi ta' dan il-vann. Jgħid li mar darbtejn għand l-attur biex jirranġa x-xogħol. Jgħid lix-xogħol riparatorju sar ħażin. Qatt ma fetaħ kawża fuq dawn l-allegati nuqqasijiet.

Illi mbagħad in eżami[17], jgħid li kull ma kellu bżonn kien spray fil-ġenb u fuq il-bieba ta' wara. Jgħid li wara li sar dan ix-xogħol, l-attur ikkonferma li kien sar żball mil-kulur taż-żebgħa. Il-konvenut ma kienx kuntent. Skond hu, reġa sar xogħol ħażin. Ix-xhud reġa offra t-testimonjanza tiegħu in eżami[18]. Reġa' mar għand xi ħadd ieħor u nefaq madwar €3,500 (għalkemm it-talba tiegħu kif konfezzjonata fil-kontro-talba trid is-somma ta' €2,000). In kontro-eżami, fl-istess seduta, jikkonferma li x-xogħol magħmul minn din it-tieni persuna kien differenti. It-tieni persuna għamlet xogħol aktar minn dak miftiehem. Hu stess jikkonferma li l-attur kellu biss jagħmel il-ġenb u l-bieba ta' wara. Ma jaqbilx li hu kien sodisfatt bix-xogħol. Il-landa taż-żebgħa ħadha miegħu.

---

[16] Xhieda relattiva tibda a fol 30 tal-proċess.
[17] Magħmul fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2022.
[18] Seduta tat-23 ta' Mejju 2022. Xhieda relattiva tibda a fol 136 tal-proċess.

Illi f'dawn il-proċeduri ġie nominat espert, ċioé Natalino Agius bħala perit tekniku. Dan irrelata fuq il-kwistjoni skond rapport magħmul minnu fis-16 ta' Ġunju 2019. In eskussjoni, jerġa jaqbel u jkompli jamplifika l-konklużjonijiet tiegħu.

Illi l-attur xehed permezz t'affidavit[19]. Hawn jispjega li ilu jagħmel dan ix-xogħol ghal ħafna snin. Jean Pierre Ciantar kien talbu sabiex jagħmel xi xogħol fuq il-vettura in kwistjoni. Ix-xogħol kien li jsewwi bieba ta' wara tal-vann li kienet maqsuma, il-faċċata ta' quddiem, xogħol fuq il-windscreen u saqaf u li tingħata passata żebgħa b'raxxa. Il-prezz kien sebá mija kollox. Beda x-xogħol. Wara xi tlett ijiem Jean Pierre Ciantar mar il-garaxx u ra li ż-żebgħa ma kinitx qiegħda taqbel u għalhekk talab li dan jerġa jsir. Hekk għamel. F'dan il-waqt, il-konvenut talab ukoll li l-vann jinżebah kollu. Għalkemm dan kien ifisser ħafna aktar xogħol, l-attur xorta offra li jagħmlu, bl-istess prezz. Il-konvenut Jean Pierre Ciantar, aċċetta. L-għada ġie għall-vann għalkemm dan ma kienx għadu tnaddaf. Fl-ebda ħin, Jean Pierre ma qallu li x-xogħol kien sar ħażin. Din il-kawża saret għaliex wara xi ġimgħat, Jean Pierre qatt ma mar biex iħallas l-ammont, skond l-attur, dovut.

**<u>L-Eċċezzjoni ta' Carmel Ciantar</u>**

Illi qabel xejn tajjeb li jingħad li jirriżulta ċar li Carmel Ciantar m'għandu x'jaqsam xejn mal-azzjoni odjerna. Ħareġ mingħajr dubju li l-ftehim, kemm dak inizjali, u dak rigwardanti t-tieni sett ta' xogħol dejjem sar mal-attur mill-konvenut Jien Pierre Ciantar biss. Il-fatt li Carmel Ciantar huwa s-sid ma jbiddel

[19] Dan jibda a fol 86 tal-proċess.

xejn. B’hekk din l-eċċezzjoni hija tajba u għandha tintlaqá, bil-konsegwenza naturali li Carmel Ciantar għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Talba Prinċipali - Mertu**

Illi magħmul ir-riassunt t’hawn fuq, u deċiża l-ewwel eċċezzjoni ta’ Carmel Ciantar, it-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet rimanenti hija dik emerġenti mill-artikoli 1633 sa 1643 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta u allura t-Tribunal qiegħed jikkunsidra l-kuntratt ta’ bejn il-kontendenti bħala wieħed t’appalt.

Illi b’mod ġenerali[20] jingħad li min jikkuntratta sabiex jagħti bħala oġġett prestazzjoni *da fare*, jitqies li qiegħed jobbliga ruħu li jagħmel dan b’diliġenza ta’ *bonus paterfamilias*[21].B’mod aktar speċifiku mbagħad, għal dak li jikkonċerna vizzji fix-xogħol magħmul, appaltatur huwa hekk preżunt li jkun ħati f’każ li xi vizzju jew difetti jimmanifestaw ruħhom[22]. Issa huwa hekk ġustament mgħallem

[20] Hawnhekk, it-Tribunal ikun qiegħed jonqos jekk ma jagħmilx referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et,** (App Ċiv Nru: 323/2002/1) L-enunċjazzjoni elaborata dwar il-prinċipji ġuridiċi rigwardanti l-istitut t’appalt, magħmula f’dik is-sentenza, hija ta’ spiss segwita u mħaddna mill-Qrati tagħna. Dan it-Tribunal ukoll jieħu okkażżjoni jagħmel tiegħu t-tgħalim hemm imfisser.

[21] F’dan is-sens, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs Silvio Busuttil,** (App Ċiv 1408/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta’ Mejju 2010, fejn intqal hekk: *“Fost l-obbligazzjonijiet li ghandhom b’oggett prestazzjoni “di fare”, bhal ma hekk hu l-kuntratt ta’ appalt, hu mistenni li dik l-obbligazzjoni tieghu taghti rizultat finali u tajjeb f’kull rispett, biex jista’ jinghad li l-appaltatur ikkonforma ruhu mal-mudell tad-diligenza tal-bonus paterfamilias skond l-Artikolu 1132 Kodici Civili. Il-kuncett ta’ din id-diligenza jimplika li hu jadopera l-kawteli indispensabbli ghall-adempiment tal-prestazzjonijiet tieghu skond ir-regoli ta’ larti u tat-teknika tajba. Dan, difatti, huwa kriterju ghal liema spiss drabi jaghmlu riferiment il-Qrati taghna. Hekk inghad illi l-obbligu tad-diligenza jikkomprendi li l-appaltatur jippresta kapacita ordinarja u wkoll “quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto”. Ara “Carmelo Scicluna -vs Giuseppe Mallia et”, Appell Civili, 31 ta’ Mejju, 1929;”*

[22] Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius,** (Ċit Nru: 1003/1989/2), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta’ Ġunju 2004 (mhux appellata) fejn, wara li saret referenza estensiva għa-ġurisprudenza in materja, ġie enunċjat, b’awtoritá, is-segwenti: *“Fid-dawl ta’ din il-gurisprudenza prevalenti l-appaltatur*

li appaltatur m'għandux jissokta li jespleta l-inkarigu mogħti lilu jekk iqis li l-istruzzjonijiet sejrin jirriżultaw f'xogħol ħażin[23]. Huwa obbligu prinċipali tal-appaltatur li jara li x-xogħol li sejjer iwettaq ikun qiegħed isir utilment għal-kommittent li jkun inkarigaħ[24]. Naturalment ukoll, hija r-regola ewlenija li *omnia labor, optat premium*[25]. Dan il-prinċipju ma jistax jiġi faċilment skartat[26].

---

*huwa meqjus fi htija ghax-xoghlijiet ezegwiti mhux skond l-arti u s-sengha, jekk jinstabu vizzji u difetti f'dawn l-istess xoghlijiet. Vizzji li hu seta' nduna bihom jew kellu, dejjem in bazi ghar-regoli ta' l-arti, jintebah bihom".*

[23] Issir referenza, fost diversi, għas-sentenza fl-ismijiet **Francis Stivala noe vs Hector Borg pro et noe,** (Ċit Nru: 446/1994/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003 (mhux appellata) fejn reġa ġie kkonfermat hekk: *"Jinsab ritenut ukoll illi "l-appaltatur ma hux mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol" ("Nobbli Gioacchino Attard Montalto -vs Emanuele Schembri et", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1957). Anzi jinghad ukoll illi "e` dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole della arte" ("Nicola Vella -vs- Luigi Agius", Appell, Sede Inferjuri, 7 ta' April 1923); Huwa ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li "ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'il quddiem." ("Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);"*

[24] F'dan is-sens ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **C & F Building Contractors Ltd vs Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd**, (Ċit Nru: 975/2000/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2012 (mhux appellata)

[25] Hija ta' spiss ġustament ċitata s-sentenza fl-ismijiet **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et,** (App Ċiv Nru: 532/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-20 ta' Novembru 2009 fejn ġie ritenut hekk: "*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghall principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli talQorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun ilkwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak ilkwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti"*

[26] F'dan is-sens issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fil-proċeduri bl-ismijiet **Improved Design Contractors vs Bellaviti & Improved Design Limited,** (Rik Nru: 201/2004) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Lulju 2004.

Illi mill-eżami tal-provi kollha, dan it-Tribunal jemmen li l-attur seħħillu jipprova l-azzjoni hekk kif rakkjuża fit-talba prinċipali tiegħu b'mod totali. Minn eżami tax-xhieda jemerġi ċar li dak li wiegħed l-attur, għamlu, u għamlu sew. Naturalment irid jingħad li ma setax isir il-kontro-eżami tal-attur għaliex dan laħaq miet. Allura, għalkemm dik ix-xhieda għandha valur probatorju sħiħ[27], trid tinqara fid-dawl li ma ġietx soġġetta għal xi interrogatorju[28]. Apparti x-xhieda peró, hemm ukoll rapport tekniku dwar dak li seħħ. Din tal-aħħar kellha l-piż tagħha għal-mod kif qiegħed jiġi deċiż dan il-każ.

Illi huwa ben risaput li f'materja bħal din, awtorità ġudikanti għalkemm m'hijiex marbuta li tilqa' b'għajnejha magħluqa[29] r-rapport magħmul minn espert tekniku[30], fl-istess nifs rapport simili ma jistax jiġi skartat leġġerment[31]. Kien jispetta lill-konvenut rikonvenzjonanti li b'xi mod ixejjen il-kontenut ta' dan l-aspett tekniku[32]. Għalkemm seta nkiteb b'mod aktar feliċi, ir-rapport tal-espert

---

[27] Wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Micallef Insurance Agency Limited vs Mario Bugeja *et,*** (Ref Kost Nru: 4/2014) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar il-24 ta' Jannar 2014.
[28] Kif jgħid l-awtur **Giorgio Bianchi**: *"L'interrogatorio formale ha la finalitá di provocare la confessione e cioé una dichiarazione affermativa che assume valore di prova legale."* – CEDAM, 2009, a fol 172.
[29] Dan in omaġġ tal-massima *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam.*
[30] Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu peró jrid jinqara fid-dawl ta' ġurisprudenza kostanti li awtorità ġudizzjarji m'għandhiex tiddipartixxi minn tali rapport b'mod kappriċċuż. Ċelebri fost din il-linja ta' ħsieb hija s-sentenza fl-ismijiet **Geswarda Bugeja et vs Emanuele Muscat et,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 1967.
[31] Fuq din it-tematika wieħed huwa mistieden jara l-ġabra ġurisprudenzjali rakkolta fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Pisani et vs Adam Bartolo** (Rik Ġur Nru: 13/06 JZM), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2016, per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon (mhux appellata).
[32] Ikun utli li ssir referenza għal dak li jgħid il-ġurista **Michele Taruffo** fil-ktieb tiegħu **Verso la Decisione Giusta** fejn dan jamplifikaw hekk: *"Bisogna d'altronde considerare che il giudice non opera da solo e nel vuoto. La prova scientifica si forma e si acquisisce nel contradditorio delle parti, e ċioé comporta almenu due conseguenze di rilievo. La prima é che anche gli avvocati debbono disporre delle conoscenze di carettere epistemologico necessarie per un impiego razionale delle prove scientifiche, ad esempio per verificare preliminarmente la loro attendibilitá e controllare la qualitá degli esperti di cui si servono come periti di parte.*

tekniku (maħtur minn dan it-Tribunal kif preċedentement presjedut), u mbagħad, b'aktar qawwa, ir-risposti tiegħu in eskussjoni fuq l-istess rapport ma tantx iħallu spazju għal dubju[33]. Ix-xogħol rikjest (u xejn aktar minn hekk!) sar sew u l-ammont mitlub huwa ferm anqas minn dak li normalment jintalab fis-suq għax-xogħol magħmul mill-attur[34]. Il-konvenut Jean Pierre Ciantar donnu jrid jagħti x'jifhem li, għaliex huwa mar għand terz biex jagħmel xogħol differenti minn dak mitlub mill-attur, allura dawn awtomatikament ifisser lix-xogħol tal-attur sar ħażin. Din id-difiżia hija bla bażi. L-attur, għamel aktar minn dak oriġinarjament maqbul, bl-istess prezz kif miftiehem.

Illi finalment f'dan il-każ, ma hemm xejn fl-atti li jagħti x'jifhem lit-Tribunal li x-xogħol imwettaq ma kien tal-ebda fejda għal konvenut Jean Pierre Ciantar[35]. L-għażla li jagħmel aktar minn dak mitlub kienet biss tal-konvenut Jean Pierre Ciantar.

Illi għal dawn ir-raġunijiet it-talba prinċipali għandha tintlaqá fit-totalitá tagħha, kontra l-konvenut Jean Pierre Ciantar biss.

---

*Naturalmente gli stessi criteri servono per valutare l'attendibilitá delle altre perizie di parte, ed anche per verificare la qualitá dell'esperto nominato dal giudice. La seconda conseguenza é che i difensori, eventualmente per mezzo dei loro periti, possono fornire al giudice gli elementi necessari per una valutazione critica approfondita delle prove scientifiche acquisite al processo. Sotto questo profilo spetta alle parti e ai loro difensori il diritto e il dovere di collaborare con il giudice per un corretto apprezzamento di queste prove"* – G. Giappichelli Editore, 2000, Kapitolu 20 intitolat *La scienza nel processo: problemi e prospettive*, a fol 295.

[33] B'mod partikolari t-Tribunal jirreferi għar-risposti li jinsabu a fol 71 tal-proċess.

[34] Ġustament sar aċċenn għal dan l-aħħar punt mid-defnsur tal-attur fit-trattazzjoni tal-għeluq. Ukoll issir referenza għat-tweġiba tal-espert għad-domanda enumerata 4 u għalhekk kif jgħid hu stess: "*le, fl-opinjoni tiegħi ma kienx prezzat tajjeb, il-prezz kien baxx ħafna għax il-vettura hija kbira u xorta tinvolvi ammont ta' xogħol biex tagħmel l-inqas proċess."*.

[35] Wieħed huwa hawn mistieden jara, kemm għal dak deċiż kif ukoll għar-rakkolta rikka ta' ġurisprudenza hemm magħmula għas-sentenza fl-ismijiet **Webcraft Limited vs Evan Cumbo *noe*,** (Rik Nru: 686/11) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Jannar 2022. Bl-istess mod issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **C&F Building Contractors Limited vs Għaqda Mużikali Maria Annunzjata *et*,** (Rik Maħluf Nru: 748/2014) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-1 ta' Lulju 2022 (attwalment pendenti l-appell).

**Kontro-Talba - Mertu**

Illi naturalment, b'sens loġiku legali, għandu jkun allura indiskuss li t-talbiet kontenuti fit-talba rikonvenzjonali huma destinati li jfallu. Li wieħed jgħid il-kontra jkun totalment kontro-sens, għaliex, ġialadarba ġie aċċettat li l-attur għandu jitħallas tal-prestazzjoni mwettaq minnu, ma jistax mbagħad l-istess attur jiġi kkundannat iħallas xi forma ta' danni.

Illi mbagħad, per sempliċi kompletezza, jingħad li verament huwa indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakultá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[36]. Issa, d-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[37]. Min-naħa l-oħra mbgħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċita f'dak li huwa ġudizzju[38].

Illi fil-każ odjern, għalkemm konxju li din il-kwantifikazzjoni tad-danni hija ta' xejra differenti mill-valutazzjoni ekwitattiva[39], it-Tribunal ma jqisx li setá fi

---

36 Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

37 *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

38 *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assoċjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

39 Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt*

kwalunkwe każ jasal għal-likwidazzjoni tad-danni *ex aequoe et bono*[40] jew *arbitrium boni viri.* Anke li kieku l-konvenut rikonvenzjonanti ngħata raġun, dan in-nuqqas (karenza totali ta' provi) ma setax jiġi mimli mit-Tribunal stess[41]. Huwa offra biss verżjoni unika soġġettiva tiegħu[42] mingħajr ħjiel ta' xejn oġġettiv[43]. B'hekk ma jistax jingħata applikazzjoni għal dak li jrid l-artikolu 1135 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi anke għalhekk allura, il-kontro-talba m'hijiex qiegħda tintlaqá.

Illi huwa ċar għat-Tribunal li din il-kontro-talba saret biss b'ritaljazzjoni għall-azzjoni magħmula mill-attur.

Illi għalhekk il-kontro-talba hija totalment infondata u qiegħda tiġi riġettata.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqá l-eċċezzjoni tal-konvenut Carmel Ciantar u b'hekk jilliberah mill-osservanza tal-

---

*ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u talpregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

[40] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Charles Attard vs Carmela Frendo,** (523/1983/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003.

[41] F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

[42] F'dan is-sens utli l-kliem li jgħid l-awtur **Giorgio Bianchi** fejn ġustament jispjega li *"Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte."* – CEDAM, 2009, a fol 172.

[43] Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Austin Camilleri vs Michael Micallef *pro et noe*,** (App Ċiv Għawdex Nru 60/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Lulju 2004: *"Naturalment filwaqt li l-kriterju ta' l-ekwitá ma jiskansax lil xi parti milli ġġib il-provi idonea biex issostni t-talba jew id-difiża tagħha għal-istess talba, r-rilevanza jew l-awtorizazzjoni tagħhom hi mħollija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Ġudikatur."*

ġudizzju, jilqá t-talbiet tal-attur rikonvenzjonat fil-konfront ta’ Jean Pierre Ciantar, jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Jean Pierre Ciantar filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat għal-kontro-talba ta’ Jean Pierre Ciantar, liema kontro-talba qiegħda tiġi miċħuda, u konsegwentement jordna lill-konvenut rikonvenzjonanti, Jean Pierre Ciantar, waħdu, iħallas lill-attur l-ammont ta’ sebá mitt Ewro (€700) oltre l-VAT fuq l-istess ammont, bl-imgħax legali mill-1 ta’ Novembru 2018[44] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri, salv għal dawk rigwardanti r-risposta ta’ Carmel Ciantar, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali msemmija fl-Avviż tat-Talba jitħallsu mill-konvenut rikonvenzjonanti Jean Paul Ciantar.

L-ispejjeż ta’ Carmel Ciantar jitħallsu mill-attur.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[44] Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba. L-ittra uffiċjali eżebita a fol 4, għalkemm jidher li saret risposta għaliha, ma tindikax fedelment li ġiet notifikata.